**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 380/2019 GM**

**Avv. Edward Mizzi (lD: 136586M) a nom u in rappreżentanza tal-assenti Murad Haman (detentur ta' Passaport Libjan JZKHFNY4)**

**vs**

**LAP Suisse-Malta (OC 840)**

**u**

**Nedal Eltriki bħala Kuratur Deputat tas-soċjeta` Estera - LAP (Suisse) SA reġistrata taħt numru 12120/2006**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors, ippreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta li:

1. Ir-rikorrent kien impjegat mas-soċjeta' LAP Suisse-Malta reġistrata Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni OC 840, li hija fergħa tas-soċjeta' LAP (Suisse) SA - soċjeta'

reġistrata l-Isvizzera fir-Reġistru tal-Kummerċ ta' Ġeneva bin-numru ta' reġistrazzjoni 12120/2006, fil-grad ta' Investment Department Manager, liema mpjieg kien soġġett ai termini tal-kuntratt tal-impjieg definit datat l-10 ta' Ottubru 2017 (ara kopja tal-kuntratt annessa u mmarkata bhala DOK "MH1").

2. L-attur kien kostrett jirriżenja mill-impjieg tiegħu, u dan għamlu permezz ta' ittra ndirizzata lid-diretturi tas-soċjeta' ntimata fis-27 ta' Settembru 2018, (ara kopja tal-ittra hawn annessa u mmarkata bhala Dok "MH2").

3. Is-soċjeta' ntimata ma halliet l-ebda għażla ohra lir-rikorrent hlief li jittermina l-impjieg tiegħu minhabba li, fost affarijiet ohra, waqfet thallas il-paga lir-rikorrenti u r-rikorrent ma thalliex jaqdi dmirijietu fi hdan is-soċjeta’ ntimata, u dan wara li ntbagħtet ittra mis-soċjeta', waqt li kien fuq vakanza, li ma setax jidhol lura l-uffiċċju u li kellu jirritorna ċ-ċwievet, dokumenti u propjeta' ohra tas-soċjeta’.

4. Tali riżenja kienet wahda mġiegħla u b'hekk tolqot ir-rekwiżiti kollha ta' constructive dismissal u, konsegwentament, tikkonsisti fi tkeċċija mingħajr raġuni tajba u biżżejjed skont il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta; u dan għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati f'dan ir-rikors, u fid-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrent, u kif ser jidher mill-provi li ser jiġu prodotti matul dawn il-proċeduri.

5. F'Marzu 2018, ir-rikorrent ġie mgħarraf b'mod espliċitu li l-bord tad-diretturi tas-soċjeta' ntimata riedu jitterminaw l-impjieg tiegħu (kif ukoll tal-imjegati l-ohrajn tas-soċjeta') sal-31 ta' Lulju 2018 u timpjegah ma' kumpanija ohra relatata - Libya Africa Investement Portfolio ('LAIP') f'Tripoli, l-Libja - mill-1 t'Awwissu 2018. Ir-rikorrent ġie ppreżentat b'kuntratt ta' terminazzjoni (ara d-dokument anness u mmarkat "MH3").

6, Kif jidher fil-kuntratt sureferit, is-soċjeta' pinġiet stampa fejn kien ir-rikorrent li talab li jirreżenja u li s-soċjeta' kienet qed taċċetta din ir-riżenja u tirrinunzja għad-drittijiet tagħha ai termini tal-liġi. Ir-rikorrent ma qabilx mal-kontenut u ma ffirmax il-kuntratt.

7, Fil-perjodu ta' wara Marzu tal-2018, u wara li r-rikorrent m'aċċettax li jiffirma l-kuntratt ta' terminazzjoni sureferit, il-qagħda tal-impjieg tiegħu baqgħet dejjem tmur għall-agħar. Għal bidu, kien qed jirċievi hafna pressjoni mill-HR Manager tas-soċjeta' konvenuta biex jiffirma l-kuntratt. Meta r-rikorrent baqa’ m'aċċettax, u mbagħad poġġa pressjoni fuqu s-CEO tas-soċjeta' konvenuta u qallu li għandu tmienja u erbgħin siegħa biex jahsibha.

8, Ir-rikorrent injora t-tattiċi tas-soċjeta' konvenuta u baqa' għaddej b'xogħolu. Meta s-soċjeta' rat illi r-rikorrent ma kienx ser iċedi, tagħtu struzzjonijiet biex jagħti hond over tax-xogħol li kien qed jagħmel lil persuna ohra fil-kumpanija. Fil-frattemp, meta r-rikorrent ipprova jikkomunika mal-uffiċjali tal-prinċipal tiegħu, kien qed jiġi informat illi l-prinċipal tiegħu ma kinitx is-soċjeta' konvenuta iżda kienet LAIP - fatt li r-rikorrent baqa' jiċhad sal-ahhar nett.

9, Ġara li r-rikorrenti żżewweġ f'Awwissu; hareġ fuq vaganzi mix-xogħol u ġie lura fl-l-0 ta' Settembru 2018. Meta ġie lura sab li kien hemm attentat ta' kunsinna t'ittra rreġsitrata d-dar tiegħu li intbagħtet. Mill-HR Manager tas-soċjeta'. Allavolja l-ittra kienet iddatata l-25 ta' Lulju 2018, skont l-irċevuta, l-attentat kien sar wara dik id-data (kopja tal-ittra u r-risposta għaliha huma annessi u mmarkati "MH4" u "MH5" rispettivament).

10. Minhabba l-kondotta deplorabbli tas-soċjeta' ntimata li baqa' jsofri sal-ahhar ġurnata li kien impjegat mas-soċjeta' ntimata, ir-rikorrent hass li ma kellux għażla ohra għajr li jirriżenja mill-kariga tiegħu.

11. Iċ-ċirkustanzi li għandu quddiemu dan l-Onorabbli Tribunal għandhom jitqiesu bhala tali li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha sabiex jinstab li kien hemm constructive dismissal u li għalhekk is-soċjeta' ntimata għandha tirrispondi għat-tkeċċija tar-rikorrent mingħajr raġuni tajba u biżżejjed.

12, Fl-ewwel lok, l-attur fl-ebda mument qabel Marzu 2018 u l-offerta suċċessiva tal-kuntratt tat-terminazzjoni, ma wera xi ntenzjoni li jirriżenja. It-tieni, l-għażla jekk l-attur jibqax impjegat mas-soċjeta' ntimata lanqas baqgħet f' idejn ir-rikorrent meta dan b'mod espliċitu ġie nformat li kienet ittiehdet deċiżjoni li jiġi tterminat mill-bord tad-diretturi u, kif ser jidher mix-xieda, ir-raġġiri tas-soċjeta' ntimata fil-konfront tar-rikorrent wasslu għal sitwazzjoni ċara u inekwivokabbli ta' ġegħil ta' terminazzjoni meta dan safa prekluż milli jagħmel xogħlu.

13. Barra minn dan kollu, anka l-fatt wahdu li s-soċjeta' ntimata naqset milli thallas il-paga dovuta lilu għall-ahhar xahrejn, huwa ksur fundamentali tar-relazzjoni lavorattiva li, minbarra li jirreka dannu lir-rikorrent, jikser il-fiduċja bejn il-partijiet u jirrendi r-relazzjoni insostenibbli.

14, L-intenzjoni tas-soċjeta' ntimata ma tistax tkun iktar ċara - riditu jittermina l-impjieg tiegħu u tpinġi stampa fejn kien ir-rikorrent li kien qed jirreżenja u s-soċjeta' qed tirrinunzja għad-drittijiet kollha biex ma tkunx sitwazzjoni fejn trid thallas dak li huwa dovuta minnha fil-liġi.

15. Is-soċjeta' konvenuta LAP (Suisse) SA hija rreġistrata barra minn Malta taht numru 12120/2006 fl-indirizz Rue du Rhone 65, c/o Meyerlustenberger Lachenal, avocats, 1204 Ġeneve, l-Isvizzera, qed jiġi ntavolat, flimkien ma' dan ir-rikors, rikors iehor għall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta' LAP (Suisse) SA.

Talab li:

i) Jiddikjara illi bl-aġir tas-soċjeta' ntimata, r-rikorrent ma kellu ebda għażla ohra hlief li jirreżenja u jtemm l-impjieg tiegħu u li dan jammonta għal terminazzjoni forzata (constructive dismissal);

ii) Jillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent li jikkorispondi għal nofs is-salarju kollu li r-rikorrent kellu jirċievi sat-tmiem taż-żmien fiss maqbul kuntrattwalment, dan skont kif jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-kuntratt tal-impjieg definit;

iii) Jillikwida kumpens ġust għall-hsara li sofra r-rikorrent, inkluż it-telf ta' benefiċċji u r-responsabilita' għal hlasijiet żejda ta' taxxi, siġurta' soċjali, danni u penalijiet, lill-awtoritajiet Maltin, skont il-każ; u

iv) Jordna lis-soċjeta' ntimata sabiex thallas il-kumpens, kif likwidat;

u dan filwaqt li jagħti l-provvedimenti kollha li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu opportuni f'dan ir-rigward.

Rat id-digriet tat-Tribunal mogħti fil-15 t'April 2019 li permezz tiegħu iddeċieda li ma kellux kompetenza jisma' l-mertu tal-każ u għalhekk bl-applikazzjoni tal-Art. 741(b) tal-Kap 12 ordna li l-proċess jiġi ttraferit lil din il-Qorti biex tieħu konjizzjoni tiegħu.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Nedel Eltriki bħala kuratur deputat tas-soċjeta` estera LAP(Suisse) SA li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Ir-rikorrent, ċittadin Libjan, kien effettivament ġie impjegat mas-soċjeta` esponenti tramite l-fergħa lokali tagħha, liema fergħa hija debitament reġistrata Malta, pero` ma għandha l-ebda persunalita` ġuridika distinta u għalhekk lanqas ma tista' tiġi notifikata u/jew tirrispondi għal dawn il-proċeduri personalment.

2. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jintwera fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

3. Bħala retroxena għandu jingħad illi fis-sena 2014, meta s-sitwazzjoni politika fil-pajjiż ġar tagħna l-Libja, kienet waħda mqallba u instabbli b'diversi gvernijiet u f'azzjonijiet rivali kontra xulxin, il-Libja Africa Investment Portfolio ('LA/P') kienet ħadet id-deċiżjoni illi titrasferixxi l-impjegati li xtaqu jiġu jaħdmu hawn Malta, flimkien mal-familji tagħhom, u r-rikorrent, bħal diversi impjegati oħra kien aċċetta li jiġi jaħdem Malta u jkun impjegat mas-soċjeta` esponenti sa kemm is-sitwazzjoni

tistabilizza ruħha. Illi fis-sena 2017/bidu tas-sena 2018, meta s-sitwazzjoni politika bdiet tiġi lura għan-normal, ittieħdet deċiżjoni illi l-operazzjoni tal-LAIP tarġa' tiġi trasferita lejn il-Libja u l-impjegati kollha, inkluż ir-rikorrent, applikaw u aċċettaw inkariġi ġodda mal-LAIP. Tant hu hekk illi fi Frar tas-sena 2018, ir-rikorrent ġie appuntat bħala Investment Manager mal-LAIP, rwol illi huwa aċċetta u beda jaħdem fih. Illi minn dan iż-żmien huwa effettivament ma baqax jaħdem mas-soċjeta` esponenti u lanqas ma kien ikun preżenti l-uffiċċju jew jirċievi istruzzjonijiet/ direzzjoni mill-istess, iżda mill-LAIP il-Libja.

4. Xhur wara li huwa kien aċċetta dan l-impieg, ir-rikorrent biddel il-fehma tiegħu u beda jsostni li kien u għadu l-impjegat tas-soċjeta' esponenti, wara li kien għamel xhur ma jaħdimx magħha u aktar minn hekk, meta din tal-aħħar ma kellha l-ebda kontroll fuqu u lanqas kienet taf fejn kien jinstab aħseb u ara kernm kienet qed timpjegah.

5. Kien għalhekk illi f'Lulju tas-sena 2018, is-soċjeta` esponenti bagħtet avviż lir-rikorrent fejn hija informatu illi l-impieg tiegħu kien qed jiġi kunsidrat bħala terminat.

6. Is-soċjeta` esponenti tgħid għalhekk illi l-impieg tar-rikorrent ġie terminat meta huwa aċċetta pożizzjoni mal-LAIP u mhux f'Settembru tas-sena 2018 kif qed jiġi allegat.

7. F'dan il-każ ma jirrikorru l-ebda wieħed mir-rekwiżiti ta' constructive dismissal u għalhekk it-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa huwa inġunt sabiex jagħti x-xhieda tiegħu.

8. Salv raġunijiet ulterjuri.

Mhuwiex ikkontestat dak li stqarr Muataz Ahmed Salem Aloshebi, ex-chairman tal-LAP (Suisse) SA permezz t'affidavit tat-28 ta' Marzu 2022 – anke billi ma ġiex ikkontro-eżaminat – li:

- L-ishma kollha ta' LAP (Suisse) SA bis-sede f'Geneva huma proprjeta' ta' LAIP tramite sussidjarja tagħha LAP Mauritius. LAP (Suisse) SA għandha fergħa f'Malta. Sid il-LAIP hi l-Libyan Investment Authority li timmaniġġja l-parti l-kbira tar-riżervi taż-żejt tal-Libya.

- Wara r-rivoluzzjoni tal-2011, ġie deċiż li ċerti operazzjonijiet tal-kumpannija jsiru minn barra l-Libya sakemm tirritorna l-istabilita'. Fit-2014 dawn bdew isiru minn Tunis. Fost l-uffiċċjali li marru hemm kien hemm l-attur. Imbagħad ġew Malta. Ġie deċiż mil-LAIP li LAP (Suisse) tipprovdi l-impiegi u tagħmel service agreement mal-LAIP. LAP (Suisse) fetħet fergħa f'Malta għal dan l-iskop. Is-salarji u spejjeż oħra kienu jitħallsu minn LAIP barra 5% service fee. Kien hemm madwar 25 impjegat li kienu kollha parti mit-tim tal-LAIP ħlief għal driver u segretarja. L-uniku xogħol li kienet tagħmel il-fergħa Maltija kienet li tipprovdi servizzi lill-LAIP u ma kinitx tagħmel xogħol ieħor.
- L-impjegati kienu jafu li l-kuntratti tax-xogħol kienu biex ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta u li malli s-sitwazzjoni fil-Libya tikkalma, l-operazzjonijiet tal-LAIP kienu jmorru lura fil-Libya.
- Lejn l-aħħar tat-2017 l-bidu tal-2018 LAIP talbet ir-ritorn tal-operazzjonijiet. F'laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tat-28 ta' Jannar 2018 ġie deċiż li f'Malta jibqa' biss uffiċċju rappreżentattiv b'4 impjegati sakemm kollox jitreġġa' lura l-Libya. Ġie deċiż li l-impjegati li marru lura l-Libya jitħallsu minn Suisse sa Lulju 2018 biex il-familji tagħhom ikunu jistgħu jibqgħu Malta sa tmiem it-term tal-iskola, u wara din id-data jitħallsu mil-LAIP. Il-ħaddiema aderixxew ma' din id-deċiżjoni.
- L-attur kien impjegat mal-LAIP madwar 2011 u sa mill-2013 kien Investment Department Manager.
- L-attur kien impjegat bħala Investment Department Manager mas-soċjeta` LAP Suisse-Malta li hija fergħa tas-soċjeta` LAP (Suisse) SA permezz ta' kuntratt għal żmien definit tal-10 t'Ottubru 2017 li kellu jibda mill-1 ta' Marzu 2018 u jispiċċa fit-30 ta' Ġunju 2020. Fl-istess kuntratt ġie ddikjarat li l-attur kien ilu impjegat fl-istess pożizzjoni sa mit-2 ta' Marzu 2015; il-kuntratt oriġinali kien ġie mġedded fit-2 ta' Marzu 2016.

- Fi Frar 2018, Mar Londra fuq missjoni fil-UN. Ħadem fl-uffiċċju tal-LAIP fi Tripli u attenda l-LAIP board of directs' meetings. Ma kellux x'jaqsam iktar mal-Malta branch.
- L-attur sa minn Marzu 2018 ma rrappurtax iktar għax-xogħol f'Malta. Kien preżenti għal ftit jiem bejn Marzu u qatt bejn April u Lulju.

Lanqas hemm kontestazzjoni li:

- Il-kumpannija talbitu jiffirma termination agreement datat 6 ta' Marzu 2018. Fl-abbozz kien indikat li l-attur kellu jerġa' jiġi mpjegat (resume employment) mal-Libya Africa Investment Portfolio fi Tripli b'effett mill-1 t'Awwissu 2018.
- F'ittra mill-HR Manager ta' LAP Suisse-Malta tal-25 ta' Lulju 2018, ingħad li fi Frar 2018 l-attur kien offrut pożizzjoni ta' Investment Manager mal-LAIP wara li aċċetta stedina mis-CEO tal-LAIP biex japplika għaliha. Jingħad li l-attur aċċetta u ħadem mal-LAIP għal 5 xhur inkluż li jmur fuq missjonijiet fir-Renju Unit. Kien għadu jaħdem għal LAIP mingħajr ma jirċievi l-ebda struzzjonijiet minn LAP Suisse-Malta. Kien hemm deċiżjoni interna, li l-attur kien jaf biha, li minkejja x-xogħol il-ġdid LAP Suisse kienet sejra tkompli tħallas is-salarju tiegħu sal-31 ta' Lulju 2018 u dan kif iddelegata li tagħmel mill-LAIP.
- L-attur wieġeb permezz tal-avukat tiegħu b'ittra tat-12 ta' Settembru 2018. Stqarr li ġabar l-ittra rreġistrata fl-10 ta' Settembru 2018 wara li kien hemm attentatat biex jiġi nnotifikat biha fis-26 ta' Lulju 2018 waqt li l-attur kien bil-vaganzi, kif kien jaf l-HR Manager. Stqarr li huwa rrifjuta l-offerta unilaterali tat-terminazzjoni tal-impjieg ma' Suisse. Il-missjonijiet fir-Renju Unit kienu għal Suisse skont is-service agreement bejn LAP Suisse Malta u LAIP. L-attur kien imħallas minn Suisse-Malta; ma kienx irrenda servizzi lil LAIP minn meta ġie ordnat jagħti handover minn LAP Suisse-Malta lil Mohamed Zitni; qatt m'aċċetta impjieg mal-LAIP.

- L-attur irriżenja fis-26 ta' Settembru 2018 permezz ta' ittra indirizzata lid-diretturi ta' LAP Suisse-Malta minħabba t-trattament degradanti li jgħid li rċieva wara li rrifjuta li jiffirma termination agreement ippreżentat mill-kumpannija.

Id-dibattitu bejn il-partijiet idur prinċipalment dwar jekk l-attur kienx aċċetta li jmur jaħdem lura l-Libya jew le. L-attur isostni li mar jaħdem il-Libya mhux bħala uffiċjal tal-LAIP, imma abbażi tas-service agreement bejn LAIP u Swisse-Malta. Tant li baqa' jitħallas minn Suisse. F'dan huwa kontradett minn Aloshebi, li fl-affidavit tiegħu stqarr li l-attur kien aċċetta li jmur lura l-Libya, u ġie appuntat LAIP Investment Manager. Hawnhekk il-Qorti hija ffaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti.

Hemm indizji ċari li jimmilitaw kontra l-asserzjoni tal-attur. Ix-xogħol tiegħu fil-Libya ikkoinċida mar-ritorn tal-maġġor parti tal-impjegati l-oħrajn fil-Libya u l-ingaġġ mill-ġdid tagħhom mal-LAIP; u maż-żarmar tal-operazzjonijiet tal-fergħa ta' Malta ta' Suisse, li l-uniku kompitu tagħha kien li sservi lil LAIP u xejn iżjed. Huwa ferm inverosimili li l-attur ma ntalabx, u li m'aċċettax, li jmur lura jaħdem il-Libya fi żmien meta l-fergħa ta' Malta kienet qiegħdha tagħlaq u żżarma l-operazzjonijiet tagħha. Ir-raġuni l-għala baqgħet tħallas is-salarju tiegħu Suisse ġie spjegat minn Aloshebi u ma ġiex kontradett mill-attur.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-attur naqas li juża' l-għodda proċedurali konsentita lilu billi jagħmel kontro-eżami ta' Aloshebi dwar din id-dikjarazzjoni hekk importanti. **Nuqqas li fit-teknika proċesswali jsarraf f'ammissjoni tad-depożizzjoni**:

> "Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side **is held technically to amount to an acceptance of the witness' evidence in chief.** It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. In *Bircham* ,for example, counsel for the accused was not permitted to suggest to the jury that the co-accused and a witness for the prosecution were the perpetrators of the offence charged, where that allegation had not been put to either in cross-examination. Accordingly, it is counsel's duty, in every case (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case".[1]

Għalhekk il-Qorti ma tistax taċċetta l-verżjoni tal-attur u għalhekk lanqas jikkonkorru l-elementi ta' constructive dismissal.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż a kariku tiegħu.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[1] Murphy On Evidence – Oxford University Press, 8th Edition, 2003 page 597.